

Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14999/22

STAT 37
FIN 1245
INST 418

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 - Inġhata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi - Approvazzjoni

1. Fl-1 ta' Settembru 2022, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tagħha intitolat "Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 – Inġhata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibbiltà mmexxija mill-kriżi"¹.
2. F'konformità mal-arranġamenti definiti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfasslin mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri², il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Regolamenti tal-Persunal³ biex jeżamina r-rapport imsemmi hawn fuq.

¹ Ara d-Dokument 12103/22. Ir-[Rapport Speċjali](#) huwa disponibbli f'24 lingwa tal-UE fuq is-sit web tal-Qorti <http://eca.europa.eu>.

² Ara d-Dokument 7515/00 + COR 1.

³ Ara d-Dokument 12104/22.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Regolamenti tal-Persunal eżamina l-proposti tal-Presidenza għal abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan ir-rapport fil-laqgħat suċċessivi tiegħu fil-5 u l-24 ta' Ottubru 2022. Il-Grupp ta' Ħidma fl-aħħar laqgħa kkonferma l-qbil tiegħu dwar il-kompromess finali tal-Presidenza kif jinsab fl-Anness.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden japprova t-test fl-Anness għal din in-nota u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19 - Ingħata rispons rapidu, iżda għad fadal sfidi biex isir l-aħjar użu mill-innovazzjoni u l-flessibilità mmexxija mill-kriżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 18/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar is-suġġett ta' "Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19" u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bħala kontribut siewi għall-evalwazzjoni tar-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 u JENFASIZZA l-importanza li jittieħdu aktar passi biex tissaħħaħ ir-rieda tagħhom li jakkomodaw kwalunkwe riskju futur iġġenerat minn kwalunkwe kriżi ta' tfixkil imprevedibbli;
2. JINNOTA S-SODISFAZZJON ĠENERALI TIEGĦU bit-tweġibiet rapidi u effettivi pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-istituzzjonijiet tal-UE li ġew awditjati, li għamlu possibbli l-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tagħhom u l-issodifjar tal-attivitajiet ewlenin tagħhom fl-istess livell minkejja l-isfidi kbar ikkawżati mill-pandemija;
3. JIRRIKONOXXI l-isforzi sinċieri tas-servizzi biex iħarsu s-saħħa fl-ambjent tan-negozju tagħhom u biex jipromwovu l-benessri matul il-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari permezz ta' arranġamenti ġodda tax-xogħol, inkluż possibbiltajiet estiżi ta' telexogħol, fit-tweqqif tad-dmir ta' diliġenza tagħhom;
4. JISTIEDEN lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jinkludu tfixkil fit-tul u kooperazzjoni interistituzzjonali fil-pjanijiet għall-kontinwità tal-operat tagħhom bil-ħsieb li jadottaw standards u flussi tax-xogħol xierqa u biex jiżguraw l-eqreb koordinazzjoni possibbli fir-rispons tagħhom mingħajr preġudizzju għall-awtonomija istituzzjonali tagħhom;
5. JIRRAKKOMANDALHOM ikomplu l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza u l-idoneità tal-arranġamenti tat-telexogħol (kemm regolari kif ukoll okkażjonali) fl-ambjent ta' wara l-COVID, sabiex jipprovdut qafas flessibbli għad-disponibilità tal-persunal f'ċirkostanzi normali u eċċezzjonali rispettivament;

6. JAPPELLA lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiżviluppaw l-esperjenzi tagħhom matul il-kriżi tal-COVID-19 u jqiegħdu d-diġitalizzazzjoni fil-mira billi jintroduċu flussi tax-xogħol mingħajr karti, jestendu l-użu tal-firem elettroniċi kif ukoll tal-fatturazzjoni elektronika;
7. JITLOB lill-istituzzjonijiet tal-UE jimmonitorjaw mill-qrib u jirrapportaw b'mod konsistenti dwar l-impatt baġitarju ta' modi ġodda ta' ħidma, b'mod partikolari għall-bini u t-tagħmir tal-IT (notebooks, skrins, għodod għall-vidjokonferenzi, eċċ.), filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ il-limiti massimi tal-QFP 2021-2027 u filwaqt li tintuża kull opportunità biex jinkiseb aktar iffrankar, li jirriżulta minn investimenti fl-IT fl-operazzjonijiet tagħhom u minn sinerġiji diġitali bejn l-istituzzjonijiet, bħal minn effiċjenzi miksuba u parteċipazzjoni mill-bogħod permezz tal-vidjokonferenzi;
8. JENFASIZZA l-ħtieġa għal kunsiderazzjoni u prijoritizzazzjoni bir-reqqa tal-impatt ambjentali tal-modi ġodda ta' ħidma fl-istituzzjonijiet tal-UE bħala parti mill-istrateġiji fit-tul tagħhom għall-bini u l-ekoloġizzazzjoni.